MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Numru 1150/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**VS**
**BRENDA DESIRA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Brenda Desira ta' 22 sena, bint Eugenio u Helen nee' Azzopardi, imwielda Naxxar nhar il-25 ta' Dicembru 1987, residenti 42a, Tre Donne, Flat 1, Triq Guzeppi Stivala, Naxxar u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 19188(M).

Illi hija akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer matul il-perijodu ta' bejn it-22 ta' Novembru 2010 u l-gimghat ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Talli matul il-perijodu ta’ bejn it-22 ta’ Novembru, 2010 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data f’dawn il-gzejjer tat fastidju lil Vincent Micallef Pule’ u lil Clare Louise Micallef Pule’ b’moghod li kienet taf jew missha kienet taf li b’tali mgieba kienet ser tikkaguna fastidju fuq haddiehor u dan ai termini ta’ l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u aktar talli;
2. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, giebet ruhha b’tali moghod li kkagunat biza’ lil Vincent Micallef Pule’ u lil Clare Louise Micallef Pule’ li ser tintuza vjolenza, meta hija kienet taf jew missha kienet taf li, b’tali mgieba taghha, ser tikkaguna lil haddiehor biza u dan ai termini ta’ l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u aktar talli;
3. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi uzat xi *network* jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ittraskurat milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-*network* jew apparat ta’ komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzatu b’mod mhux kif imiss u dan ai termini ta’ l-Artikolu 35(1)(d) tal-Kap.339 tal-Ligijiet ta’ Malta u aktar talli;
4. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi heddet bi kliem lil Vincent Micallef Pule’ u lil Clare Louise Micallef Pule’ u aktar talli;
5. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi offenda lil Vincent Micallef Pule’ u lil Clare Louise Micallef Pule’;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412(C) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm

waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputata **Brenda Desira** hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 251A, 251B, 339(e) u 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 35(1)(d) tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur waqt li tqieghedha taht garanzija ta’ mitejn tlieta u tletin Euro (€233) b’obbligazzjoni li ma tkellimx, ma tavvicinax, ma timmolestax u bl-ebda mod, la direttament, lanqas indirettament, ma tikkomunika b’kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni mal-familja kollha tal-kwerelant. Din il-garanzija tibqa’ ssehh ghal sena mill-gurnata tal-lum.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------